MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 2376/2004

**Carmelo Cassar**

**Vs**

**Mario Baldacchino**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta Dicembru 2004 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta elf tliet mija u zewg liri u disa u tmenin centezmu (Lm1302.89) rapprezentanti l-valur tad-danni sofferti fil-vettura tal-attur li ggib in-numru AAE 465 f'incident stradali li sehh gewwa M'Scala nhar it-8 ta Awissu 2004 meta l-konvenut kien qed isuq il-vettura tieghu numru DBH 605 u ghal liema ncident l-istess konvenut kien unikament responsabbli.
Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali prezentata kontestwalment ma dan l-avviz u bl-imghaxijiet legali kontra l-istess konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 2 ta Frar 2005 fejn gew kontestati t-talbiet attrici peress li jallega li hu ma kienx jahti ghall-imsemmi ncident stante li l-impatt gara minnhabba tortijiet imputabbli lil Kenneth Zammit. oltre li saret riserva ghal prezentata ta eccezzjonijiet ohra.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti, partikolarment ir-ritratti tal-vetturi nvoluti u n-nota ta referenzi prezentata mill-attur.

Ikkunsidra.

Illi l-impatt bejn iz-zewg vetturi sehh gewwa Triq il-Qaliet fil-vicinanzi fejn hemm id-dahla ghal triq ix-xmiel. Il-konjugi Zammit li kienu qed isuqu l-vettura tal-attur jallegaw li huma kienu mexjin fid-dritt gewwa Triq il-Qaliet meta f’hin minnhom il-konvenut li kien gej mill-istess triq mid-direzzjoni opposta qasmilhom it-triq taghhom cioe litteralment qasmilhom il-karreggjata taghhom sabiex idur ghal triq ix-Xmiel. Ruth Zammit, il-passiggiera tinsisti li fil-mument tal-impatt il-konvenut kien miexi u ma jidhrilhiex li rat xi indicator mixghul. L-istess gie kkonfermat minn zewgha is-sewwieq tal-vettura tal-attur.

Il-konvenut da parti tieghu jallega li qabel ma gie biex jaqsam minn triq il-Qaliet ghal go triq ix-Xmiel, (i) huwa kien wieqaf kompletament u kif ukoll (ii) kellu l-indicator mixghul. Meta kien wieqaf il-vettura tieghu ma kinietx imdawra lejn triq ix-xmiel cioe fejn ried idur pero`, baqghet thares lejn faccata lejn il-karozzi li kienu gejjin mid-direzzjoni opposta (cioe mnejn kienet gejja l-vettura tal-attur). Huwa jinsisti wkoll li kien qal lil warden biex jindika b’xi mod li huwa kien wieqaf fuq il-karreggjaata tieghu qabel l-impatt u kif ukoll l-brake marks li halliet warajha l-vettura tal-attur. Huwa pero jaqbel mal-posizzjoni tal-vetturi kif gew indikati wara l-impatt. In kontro-ezami huwa jghid li mnejn kien gej hu kellu vizjoni fit-tul u lill-vettura tal-attur kien raha gejja minn tul Awla numru 10. Izid ukoll li l-vizjoni tat-trieq mnejn kienet gejja l-vettura tal-attur kienet teccedi l-mitejn metru – ghalhekk kien wieqaf. Ighid

ukoll li f'ebda hin il-vettura tal-attur ma giet u qasmet ghal fuq il-karreggjata tieghu. Illi fl-opinjoni tat-Tribunal dan il-fattur ghandu jassumi certa mportanza kemm fir-rigward il-valutazzjoni ghal kredibbilita taz-zewg verzjonijiet moghtija u kif ukoll sabiex jigi stabbilit verament kif sehh l-incident. Difatti fuq Dok AV 4, l-iskizz skalat prezentat mill-warden,  jidher li filwaqt li l-vettura tal-attur tinsab kollha fuq il-karreggjata taghha dik tal-konvenut tidher li qasmet ghal fuq in-naha tal-attur nonostante li l-konvenut jallega li kien hu li qala d-daqqa u mhux il-kuntrarju u nonostante wkoll li l-vettura tal-konvenut hija ferm aktar tqila u robusta minn dik tal-istess attur u nonostante wkoll l-allegat speed eccessiv li kien gej bih il-vettura tal-attur.

Il-konvenut jghid ukoll li ghalkemm huwa raha qisha gejja ghal fuqu ma ghamel ebda manuvra biex jipprova jiskapulha. Meta habat huwa kien raha biss lill-vettura tal-attur gejja fit-trieq – ma raha ebda vettura ohra f'dak it-tul kollu ta mitejn metru li semma.

Illi in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula ghalhekk, it-Tribunal huwa tal-fehma li fuq il-meritu tal-kaz, isib li l-verzjoni moghtija mill-konvenut ma hiex attendibbli filwaqt li dik tas-sewwieq tal-vettura tal-attur hija ferm verosimili u tinsab korroborata kemm minn martu u kif ukoll mill-iskizz tal-warden. It-Tribunal jemmen li l-impatt bejn iz-zewg vetturi sehh minnhabba li l-konvenut ghamel kalkolu hazin meta haseb li seta jaqsam it-triq meta fil-vizwali twila li kellu tat-trieq lemah biss lil dik tal-attur gejja tul ta xi hamsin pied boghod u b'hekk holqilha ostakolu istantaneju meta qasmilha l-karreggjata taghha.

Illi jigi rilevat ukoll li f'dawn il-proceduri ma jidhirx li kien hemm xi kontestazzjoni fuq il-kwantum oltre ghall-fatt li l-attur ressaq provi soddisfacenti dwar l-istess.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenut Mario Baldacchino kien unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni

kwindi jichad l-eccezzjonijiet minnu sollevati u konsegwentement ghalhekk jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma minnu rikjesta ta elf tliet mija u tnejn liri maltin disgha u tmenin centezmu (Lm1302.89) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta dan l-avviz u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza a kariku tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------